**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 633/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2375/2018)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewwgu fit-28 ta' Lulju 2018 gewwa r-Rabat, Malta (certifikat taż-żwieg anness u mmarkat Dok. A).

2. Illi minn dan iż-żwieg kellhom tifla E, li twieldet fid-29 ta' Diċembru 2019,

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt tad-19 ta' Lulju 2022, fl-atti tan-Nutar Dr. Ann Marie Agius, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok. B.

4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) meta l-intimata vvakat id-dar matrimonjali, u ilhom għal dawn l-ahhar sentejn jgħixu hajja kompletament independenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikončiljazzjoni bejnichom.

5. Illi in oltre, l-partijiet ma għandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta' manteniment.

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddivorzja u li ż-żwieg tieghu mal-intimata jigi mahlul. Illi t-talba tar-rikorrent tissodisfa l-kriterji imposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iż-żwieg tieghu mal-intimata jigi xolt.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ż-żwieg kuntrattat bejn ir-rikorrent u l-intimata fit-28 ta' Lulju 2018 gewwa r-Rabat, Malta jigi mahlul.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti taqbel illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Lulju 2018 minn liema zwieg twieldet tifla wahda E B, u sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti nutuar dottor Anne Marie Agius datat id-19 ta’ Lulju 2022;

2. Illi l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom de facto separati minn Awwissu 2020, kif ukoll li bejniethom m'hemm l-ebda possibilta` ta' rikonciljazzjoni;
3. Illi effettivament, l-esponenti taqbel ukoll illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin u m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment rigward manteniment ghall-minuri;
4. Illi finalment, l-esponenti topponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Jannar 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata minnha bil-ġurament;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mid-19 ta' Lulju 2022 u de facto separti minn Awwissu 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.